



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

16118/22

LIMITE

CORLX 1184  
CFSP/PESC 1729  
COEST 925  
CSC 588

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1013

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali  
u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1013**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Ġunju 2005, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Asja Ċentrali.
- (2) Fil-21 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1013<sup>1</sup> li taħtar lis-Sa Terħi HAKALA bħala r-RSUE għall-Asja Ċentrali. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2023.
- (3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2023 sat-28 ta' Frar 2025.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1013 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1013 tal-21 ta' Ġunju 2021 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali (ĠU L 222, 22.6.2021, p. 33).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1013 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

*Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea*

Il-mandat ta' Tehri HAKALA bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Asja Ċentrali huwa estiż sat-28 ta' Frar 2025. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

- (2) fl-Artikolu 5(1), jinżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2023 sat-28 ta' Frar 2025 għandu jkun ta' EUR 2 665 000.";

- (3) fl-Artikolu 14, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2024.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---